MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1063/2003

Masco Security Services Limited

Vs

John Camilleri

Seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) bilanc ta’ prezz ikbar dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici ghall-bejgh u installazzjoni ta’ apparat elettroniku da parti tas-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu ta’ l-istess konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza

fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800).

Ra l-kapitolu li gie pprezentat fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003 u li l-konvenut naqas milli jidher fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2003 sabiex iwiegeb ghall-istess.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800), bl-imghax kummercjali skond il-ligi.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------